

16.4.2024

A9-0003/ 001-098

EMENDI 001-098

mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapport

Ďuriš Nicholsonová Lucia

A9-0003/2024

Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b' diżabilità

Proposta għal direttiva (COM(2023)0512 – C9-0328/2023 – 2023/0311(COD))

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-Unjoni **Ewropea** hija bbażata fuq il-valuri tad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u hija impenjata li tiġġieled id-diskriminazzjoni, inkluż abbażi tad-diżabilità, kif stabbilit fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) **u fil- Karta** tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-“Karta”).

Emenda

(1) L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, **tal-ugwaljanza** u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u hija impenjata li tiġġieled id-diskriminazzjoni, inkluż abbażi tad-diżabilità, kif stabbilit fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), **fil-Karta** tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-“Karta”) **kif ukoll fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b' Diżabilità (UNCRPD)^{1a}.**

^{1a} **Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b' Diżabbiltà (ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35).**

Emenda 2

Proposta għal direttiva

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt fundamentali li jiċċaqlaq u li jgħix liberament fit-territorju tal-Istati Membri, soġġett għal-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u l-miżuri adottati biex jidħlu fis-seħħ.

Emenda

(3) Kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt fundamentali li jiċċaqlaq u li jgħix liberament fit-territorju tal-Istati Membri, soġġett għal-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u l-miżuri adottati biex jidħlu fis-seħħ. ***L-Artikolu 18 tal-UNCRPD jirrikonoxxi wkoll id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità għal-libertà ta' moviment u għal-libertà li jagħżlu r-residenza tagħhom fuq bażi ugwali mal-oħrajn.***

Emenda 3

Proposta għal direttiva

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Skont il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadinanza tal-Unjoni hija destinata li tkun l-istatus fundamentali taċ-ċittadini tal-Istati Membri meta jeżerċitaw id-dritt ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri, biex dawk li jsibu ruħhom fl-istess sitwazzjoni jkunu jistgħu jgawdu, fil-kamp ta' applikazzjoni razione materiae tat-TFUE, l-istess trattament fil-liġi irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, soġġett għal tali eċċezzjonijiet li huma previsti b'mod espliċitu.

Emenda

(4) Skont il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadinanza tal-Unjoni hija destinata li tkun l-istatus fundamentali taċ-ċittadini tal-Istati Membri meta jeżerċitaw id-dritt ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri, biex dawk li jsibu ruħhom fl-istess sitwazzjoni jkunu jistgħu jgawdu, fil-kamp ta' applikazzjoni razione materiae tat-TFUE, l-istess trattament fil-liġi irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, soġġett għal tali eċċezzjonijiet li huma previsti b'mod espliċitu. ***Id-dritt għall-moviment liberu jenħtieġ li japplika wkoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom residenza legali fi Stat Membru u diżabilità rikonoxxuta f'dak l-Istat Membru, fl-interess ta' trattament ugwali. Din id-Direttiva hija għaldaqstant ikkomplementata minn att legali separat li***

*għandu jnaqqas id-distakk legali bejn iè-
ċittadini tal-Unjoni u è-ċittadini ta' pajjiżi
terzi li jkunu qed jirrisjedu legalment fl-
Unjoni f'dan ir-rigward u li għandu
jipprevedi aktar èrtezza legali.*

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) L-Unjoni hija Parti **għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UNCPRD)**³⁹, u hija marbuta bid-dispożizzjonijiet tagħha li huma parti integrali mill-ordni ġuridiku tal-Unjoni sal-firxa tal-kompetenzi tagħha. L-Istati Membri kollha huma Partijiet għall-UNCPRD u huma marbuta minnha wkoll sal-firxa tal-kompetenzi tagħhom.

Emenda

(5) L-Unjoni hija Parti **għall-UNCPRD**, u hija marbuta bid-dispożizzjonijiet tagħha li huma parti integrali mill-ordni ġuridiku tal-Unjoni sal-firxa tal-kompetenzi tagħha. L-Istati Membri kollha huma Partijiet għall-UNCPRD u huma marbuta minnha wkoll sal-firxa tal-kompetenzi tagħhom. **Filwaqt li l-Unjoni u l-Istati Membri kollha tagħha ffirmaw u rratifikaw il-UNCPRD, hemm differenzi sinifikanti fl-implimentazzjoni tagħha. Hemm bżonn li jsir progress fl-ugwaljanza għall-persuni b'diżabilità kemm għall-Unjoni nnifisha kif ukoll fl-Istati Membri kollha, pereżempju permezz ta' investimenti fl-infrastruttura, fil-bini tal-kapaċitajiet, fit-taħriġ u f'kampanji ta' sensibilizzazzjoni. L-Unjoni u l-Istati Membri kollha jenħtieġ li jirratifikaw ukoll il-Protokoll Fakultattiv tal-UNCPRD.**

³⁹ *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35.*

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 6

(6) L-għan tal-UNCRCPD huwa li tippromwovi, tipproteġi u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabilità, u li tippromwovi r-rispett għad-dinjità inerenti tagħhom, u b'hekk tiżgura l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' oħrajn. Il-UNCRCPD tirrikonoxxi wkoll l-importanza ***tal-ħtieġa*** li jittieħdu miżuri xierqa biex tiġi żgurata ***l-aċċessibbiltà għall-persuni*** b'diżabilità.

(6) ***Il-UNCRCPD tirrikonoxxi li l-persuni b'diżabilità jinkludu persuni li jkollhom indeboliment fiżiku, mentali, intellettwali jew sensorju fit-tul li, meta jinteraġixxi ma' diversi ostakli ambjentali, amministrattivi, teknoloġiċi u soċjetali, jista' jirriżulta fi trattament diskriminatorju. Għalhekk, l-għan tal-UNCRCPD huwa li tippromwovi, tipproteġi u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabilità, u li tippromwovi r-rispett għad-dinjità inerenti tagħhom, l-awtonomija individwali inkluża l-libertà li wieħed jagħmel l-għażliet proprji tiegħu, u l-indipendenza tal-persuni, u b'hekk tiżgura l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' oħrajn. Il-UNCRCPD tirrikonoxxi wkoll l-importanza tar-rispett għad-differenza u l-aċċettazzjoni ta' persuni b'diżabilità bħala parti mid-diversità umana u mill-umanità u l-ħtieġa li jittieħdu miżuri xierqa biex tiġi żgurata ugwaljanza ta' opportunità u aċċessibbiltà għal persuni b'diżabilità.***

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 6a (ġdida)

(6a) ***Il-UNCRCPD tirrikonoxxi wkoll il-kundizzjonijiet diffiċli li qed jiffaċċjaw persuni b'diżabilità li huma soġġetti għal forom multipli u aggravati ta' diskriminazzjoni minħabba razza, kulur, sess, lingwa, reliġjon, politika jew opinjonijiet oħra, oriġini nazzjonali, etnika, indiġena jew soċjali, proprjetà, twelid, età jew status ieħor. B'mod partikolari, tirrikonoxxi l-prinċipju ta'***

ugwaljanza bejn il-ġeneri, li n-nisa u l-bniet b'diżabilità huma spiss f'riskju akbar u soġġetti għal diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali, u li l-Istati Partijiet jenħtieġ li jieħdu miżuri adegwati biex jiżguraw li huma jgawdu b'mod sħiħ u ugwali d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha. Għalhekk, il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jrid ikollhom perspettiva ċara tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jikkontribwixxu għat-titjib tal-moviment liberu, speċjalment għan-nisa u l-bniet b'diżabilità. Il-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika, li l-Unjoni hija parti minnha, jenħtieġ li tiggwida wkoll it-twaqqif u l-implimentazzjoni tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità f'dan il-kuntest.

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill, u l-Kummissjoni Ewropea f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017⁴⁰, **jipprovd**i li kulħadd, inter alia irrispettivament mid-diżabilità, għandu d-dritt għal trattament u opportunitajiet indaqs fir-rigward, **fost l-oħrajn**, tal-aċċess għall-prodotti u s-servizzi disponibbli għall-pubbliku (il-prinċipju 3). Barra minn hekk, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jirrikonoxxi li l-persuni b'diżabilità għandhom id-dritt għal servizzi li jippermettulhom jipparteċipaw fis-soċjetà (il-prinċipju 17).

Emenda

(7) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill, u l-Kummissjoni Ewropea f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017⁴⁰, **jippreved**i li kulħadd, inter alia irrispettivament mid-diżabilità, għandu d-dritt għal trattament u opportunitajiet indaqs fir-rigward **tal-impjieg, tal-protezzjoni soċjali, tal-educazzjoni u** tal-aċċess għall-prodotti u s-servizzi disponibbli għall-pubbliku **u li għandhom jitrawmu opportunitajiet indaqs għal gruppi sottorappreżentati** (il-prinċipju 3). Barra minn hekk, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jirrikonoxxi li l-persuni b'diżabilità għandhom id-dritt għal **appoġġ għall-introjtu li jiżgura l-**

għajxien b'dinjità, servizzi li jippermettulhom jipparteċipaw fis-soċjetà *u ambjent tax-xogħol adattat għall-bżonnijiet tagħhom* (il-prinċipju 17).

⁴⁰ Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10.

⁴⁰ Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10.

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) L-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 hija maħsuba biex tindirizza d-diversi sfidi li l-persuni b'diżabilità jiffaċċjaw u biex tagħmel progress fl-oqsma kollha tal-UNCPRD, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali.

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) Minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità bejn l-Istati Membri, il-persuni b'diżabilità jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet speċifiċi meta jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom ta' moviment liberu.

(10) Minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent *reċiproku* tal-istatus ta' diżabilità bejn l-Istati Membri, il-persuni b'diżabilità *spiss* jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet *u ostakli* speċifiċi *u sinifikanti* meta jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom ta' *trattament ugwali, ta' nondiskriminazzjoni u ta' moviment liberu. Il-mudell soċjali tad-diżabilità jirrikonoxxi li d-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali esperjenzati minn persuni b'diżabilità jirriżultaw mill-ostakli ambjentali, sistemiċi u attitudinali fis-soċjetà, aktar milli mill-indeboliment tagħhom, kif*

definit fil-UNCRRPD u f'din id-Direttiva. L-Istati Membri huma mħeġġa jżguraw li l-proċeduri nazzjonali tagħhom għall-valutazzjoni tal-istatus ta' diżabilità jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-UNCRRPD.

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) *Il-persuni b'diżabilità li* jiċċaqilqu għal perjodi itwal lejn Stati Membri oħra għal *raġunijiet ta' impjeg*, studju jew *skopijiet oħra, ħliet fejn previst mod ieħor mid-dritt jew kif miftiehem bejn l-Istati Membri, jista' jkollhom l-istatus ta' diżabilità tagħhom ivvalutat u rikonoxxut formalment* mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor *u jistgħu jirċievu* ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom f'konformità mar-regoli applikabbli ta' dak l-Istat Membru.

Emenda

(11) *Meta l-persuni b'diżabilità* jiċċaqilqu għal perjodi itwal lejn Stati Membri oħra għal *xogħol*, studju jew *fil-kuntest tal-parteċipazzjoni fi programm ta' mobbiltà tal-UE bħall-ERASMUS+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, jenħtieġ li l-Kard Ewropea tad-Diżabilità sservi bħala rikonoxximent temporanju tal-istatus ta' diżabilità tagħhom sa ma tittieħed deċiżjoni formali rigward il-valutazzjoni u r-rikonoxximent formali tal-istatus* mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor, *permezz ta'* ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom f'konformità mar-regoli applikabbli ta' dak l-Istat Membru.

Emenda 11

Proposta għal direttiva Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Madankollu, persuni bi status ta' diżabilità rikonoxxut li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stat Membru għajr l-Istat Membru li fih jirrisjedu għal perjodu qasir ta' żmien *jistgħu jiffaċċjaw* diffikultajiet sinifikanti jekk l-istatus ta' diżabilità tagħhom ma jkunx rikonoxxut fl-Istat Membru li

Emenda

(12) Madankollu, persuni bi status ta' diżabilità rikonoxxut li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stat Membru għajr l-Istat Membru li fih jirrisjedu għal perjodu qasir ta' żmien, *regolarment jiltaqgħu ma'* diffikultajiet *u ostakli* sinifikanti jekk l-istatus ta' diżabilità tagħhom ma jkunx

jivvjaġġaw lejh jew li **iżuru**, u jekk ma jkollhomx ċertifikat, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom fl-Istat Membru ospitanti, sabiex jibbenefikaw minn kundizzjonijiet speċjali u/jew minn trattament preferenzjali offrut hemmhekk.

rikonoxxut fl-Istat Membru li jivvjaġġaw lejh jew li **jżuru**, u jekk ma jkollhomx ċertifikat, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom fl-Istat Membru ospitanti, sabiex jibbenefikaw minn kundizzjonijiet speċjali u/jew minn trattament preferenzjali offrut hemmhekk. ***Il-persuni b'diżabilitajiet mhux viżibbli, b'mod partikolari, spiss jiffaċċjaw diffikultajiet speċifiċi meta jintalbu jagħtu prova tad-diżabilità tagħhom waqt li jivvjaġġaw.***

Emenda 12

Proposta għal direttiva Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) F'dan il-każ, il-persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stat Membru ieħor jitqiegħdu fi żvantaġġ meta jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu meta mqabbla ma' persuni b'diżabilità li għandhom ċertifikat ta' diżabilità, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ***tad-diżabilità*** tagħhom fl-Istat Membru li jivvjaġġaw lejh jew iżuruh.

Emenda

(13) F'dan il-każ, il-persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stat Membru ieħor jitqiegħdu fi żvantaġġ ***serju*** meta jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu meta mqabbla ma' ***persuni mingħajr diżabilità kif ukoll*** persuni b'diżabilità li għandhom ċertifikat ta' diżabilità, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ***ta' diżabilità*** tagħhom fl-Istat Membru li jivvjaġġaw lejh jew iżuruh.

Emenda 13

Proposta għal direttiva Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) Iċ-ċittadini tal-Unjoni esprimew tħassib f'għadd ta' petizzjonijiet imressqa lill-Parlament Ewropew u trażmessi lill-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità rikonoxxuta madwar l-Unjoni, Kard Ewropea għall-

Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u r-rikonoxximent reċiproku ta' diżabilità fl-Istati Membri^{1a} kollha.

1a Petizzjoni 0756/2019, imressqa minn P.T., ta' ċittadinanza Ġermaniża dwar karta tad-diżabilità valida fl-UE kollha, Petizzjoni 1124-2019, imressqa minn R.Z., ta' ċittadinanza Ġermaniża, f'isem il-grupp ta' awtoassistenza "Amputee - what next?", iffirmata minn persuna oħra, fuq il-karta tad-diżabilità fil-Ġermanja, Petizzjoni 1342/2021, imressqa minn Rufino Casares Durán, ta' ċittadinanza Spanjola, flimkien ma' firma waħda oħra, dwar ir-rikonoxximent ugwali tal-grad ta' diżabilità fl-Unjoni Ewropea, Petizzjoni 0822/2022, imressqa minn Maria Pindado Galan, ta' ċittadinanza Spanjola, f'isem il-Confederación Autismo España, li talbet biex l-Istatut Ewropew tad-Diżabilità jikkunsidra d-drittijiet tan-nies bl-awtiżmu.

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Barra minn hekk, in-nuqqas ta' għarfien dwar jekk u, jekk iva, sa liema punt l-istatus **tad-diżabilità** u d-dokumenti formali tagħhom li jirrikonoxxu dan l-istatus jistgħu jkunu rikonoxxuti meta jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor jew meta jżuru Stat Membru ieħor, joħloq inċertezza għalihom. Fl-aħħar mill-aħħar, il-persuni b' diżabilità jistgħu jiġu skoraġġuti milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu.

Emenda

(14) Barra minn hekk, in-nuqqas ta' għarfien dwar jekk u, jekk iva, sa liema punt l-istatus **ta' diżabilità** u d-dokumenti formali tagħhom li jirrikonoxxu dan l-istatus jistgħu jkunu rikonoxxuti meta jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor jew meta jżuru Stat Membru ieħor, joħloq inċertezza **kbira** għalihom. **Barra minn hekk, id-disponibbiltà limitata ta' informazzjoni online dwar id-drittijiet speċifiċi tagħhom u l-vantaġġi disponibbli għalihom taggrava din il-problema.** Fl-aħħar mill-aħħar, il-persuni b' diżabilità jistgħu jiġu skoraġġuti milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu **u ta' parteċipazzjoni u inklużjoni sħaħ u**

effettivi fis-soċjetà.

Emenda 15

Proposta għal direttiva Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(14a) Fid-dawl kemm tal-bidliet demografiċi kif ukoll tal-ħtieġa li tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-persuni b'diżabilità, l-Istati Membri jenħtieġ li jżidu miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-aċċessibbiltà tal-ispazji pubbliċi u l-infrastruttura, b'mod partikolari t-trasport pubbliku, u jaġġustawhom għar-
rekwiżiti tal-persuni b'diżabilità.*

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15) Flimkien ma' ostakli fiżiċi u oħrajn fl-aċċess kemm għall-ispazji pubbliċi kif ukoll għal dawk privati, l-ispejjeż għoljin huma fattur ewlieni li jiskoraġġixxi lil ħafna persuni b'diżabilità milli jivvjaġġaw⁴⁸, minħabba li għandhom ħtiġijiet speċifiċi u jistgħu jirrikjedu wkoll persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuom inklużi dawk rikonoxxuti bħala assistent(i) personali f'konformità mal-leġiżlazzjoni jew il-prattiki nazzjonali, u dan jagħmel il-kostijiet tal-ivvjaġġar tagħhom oġhla minn dawk għall-persuni mingħajr diżabilità⁴⁹. In-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità fi Stati Membri oħra jista' jillimita l-aċċess tagħhom għal kundizzjonijiet speċjali, bħal aċċess liberu jew tariffi mnaqqsa, jew trattament preferenzjali u dan għandu impatt fuq il-kostijiet, il-ħajja u ***l-għażliet***

(15) Flimkien ma' ostakli ***varji, viżibbli u inviżibbli***, fiżiċi, ***soċjali*** u oħrajn fl-aċċess kemm għall-ispazji ***u s-servizzi*** pubbliċi kif ukoll għal dawk privati, l-ispejjeż għoljin huma fattur ewlieni li jiskoraġġixxi lil ħafna persuni b'diżabilità milli jivvjaġġaw⁴⁸, minħabba li għandhom ħtiġijiet speċifiċi ***li jirriżultaw fi spejjeż addizzjonali relatati mad-diżabilità tagħhom*** u jistgħu jirrikjedu wkoll persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuom, inklużi dawk rikonoxxuti bħala assistent(i) personali f'konformità mal-leġiżlazzjoni jew il-prattiki nazzjonali, u dan jagħmel il-kostijiet tal-ivvjaġġar tagħhom oġhla minn dawk għall-persuni mingħajr diżabilità⁴⁹. In-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità fi Stati Membri oħra jista' jillimita l-aċċess tagħhom għal kundizzjonijiet speċjali, bħal aċċess liberu jew tariffi mnaqqsa, ***sits ta'***

tal-ivvjaġġar tagħhom.

prijorità fit-trasport pubbliku, spazji ta' parkeġġ riżervati jew trattament preferenzjali u dan għandu impatt fuq il-kostijiet *tal-ivvjaġġar*, fuq il-ħajja, fuq *l-integrazzjoni soċjali* u *ekonomika* u fuq *l-awtonomija personali* tagħhom. *Barra minn hekk, in-nuqqas mi-frux ta' għarfien tal-politiki ta' aċċessibilità psikosoċjali, konjittiva, fiżika jew sensorjali jista' jirriżulta f'imġiba diskriminatorja.*

⁴⁸ Sejbiet mir-Rapport Finali bbażati fuq Stharriġ immirat lejn l-OSĊ fil-livell tal-UE; Shaw u Coles, “Disability, holiday making and the tourism industry in the UK: a preliminary survey”, 25(3) Tourism Management (2004) 397-403; Eugénia Lima Devile u Andreia Antunes Moura (2021), Travel by People With Physical Disabilities: Constraints and Influences in the Decision-Making Process.

⁴⁹ McKercher u Darcy (2018), Re-conceptualizing barriers to travel by people with disabilities, Tourism Management Perspectives, 59-66. [Aktar għall-Memorandum ta' Spjegazzjoni?]

⁴⁸ Sejbiet mir-Rapport Finali bbażati fuq Stharriġ immirat lejn l-OSĊ fil-livell tal-UE; Shaw u Coles, “Disability, holiday making and the tourism industry in the UK: a preliminary survey”, 25(3) Tourism Management (2004) 397-403; Eugénia Lima Devile u Andreia Antunes Moura (2021), Travel by People With Physical Disabilities: Constraints and Influences in the Decision-Making Process.

⁴⁹ McKercher u Darcy (2018), Re-conceptualizing barriers to travel by people with disabilities, Tourism Management Perspectives, 59-66. [Aktar għall-Memorandum ta' Spjegazzjoni?]

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) It-trattament preferenzjali (bħall-ġħajnuna personali, l-aċċess prijoritarju, eċċ.) offrut bi ħlas jew mingħajru ***jista' jkun*** importanti għall-persuni b' diżabilità biex ikunu jistgħu jaċċessaw diversi servizzi, attivitajiet jew faċilitajiet u biex ***ikunu jistgħu jesperjenzawhom aħjar***. Madankollu, minħabba n-nuqqas ta' rikonossiment, fl-Istat Membru li huma jżuru jew jivvjaġġaw lejha, l-istatus ta' diżabilità tagħhom u ta' dokumenti formali li jirrikonossu dan l-istatus maħruġa fi Stati Membri oħra, il-persuni b' diżabilità

Emenda

(16) It-trattament preferenzjali (bħall-ġħajnuna personali, l-aċċess prijoritarju, eċċ.) offrut bi ħlas jew mingħajru ***spiss huwa*** importanti għall-persuni b' diżabilità biex ikunu jistgħu jaċċessaw diversi servizzi, attivitajiet jew faċilitajiet u biex ***jibbenefikaw kompletament minnhom***. Madankollu, minħabba n-nuqqas ta' rikonossiment ***reċiproku***, fl-Istat Membru li huma jżuru jew jivvjaġġaw lejha, l-istatus ta' diżabilità tagħhom u ta' dokumenti formali li jirrikonossu dan l-istatus maħruġa fi Stati Membri oħra, il-persuni

jistgħu ma jkunux jistgħu jibbenefikaw mill-kundizzjonijiet speċjali jew mit-trattament preferenzjali offrut mill-operaturi privati jew mill-awtoritajiet pubbliċi f' dak l-Istat Membru lid-detenturi ta' ċertifikat tad-diżabilità, ta' kard tad-diżabilità jew ta' kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom maħruġ hemmhekk.

b' diżabilità jistgħu ma jkunux jistgħu jibbenefikaw mill-kundizzjonijiet speċjali jew mit-trattament preferenzjali offrut mill-operaturi privati jew mill-awtoritajiet pubbliċi f' dak l-Istat Membru lid-detenturi ta' ċertifikat tad-diżabilità, ta' kard tad-diżabilità jew ta' kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom maħruġ hemmhekk.

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Il-Proġett Pilota dwar il-Kard tad-Diżabilità tal-UE mniedi fl-2016 u li twettaq fi tmien Stat Membri wera ***b' mod ċar il-vantaġġi*** għall-persuni b' diżabilità fl-aċċess ***għas-servizzi*** fl-oqsma tal-kultura, ***id-divertiment, l-isport***, u f' xi każijiet ***it-trasport***, u fl-appoġġ tal-moviment transfruntier tagħhom fl-UE għal perjodu qasir⁵⁰. Barra minn hekk, dan inkluda eżempji oħra ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet li joffru kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali lil persuni b' diżabilità.

⁵⁰ Ara wkoll ir-Rapport Finali tal-Istudju li jivvaluta l-implimentazzjoni tal-azzjoni pilota dwar ***il-Karta*** tad-Diżabilità tal-UE u l-benefiċċji assoċjati, ippubblikat f' Mejju 2021, <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/4adbe538-0a02-11ec-b5d3-01aa75ed71a1/language-mt>.

Emenda

(17) ***Filwaqt li huwa volontarju fin-natura u limitat fl-ambitu***, il-Proġett Pilota dwar il-Kard tad-Diżabilità tal-UE mniedi fl-2016 u li twettaq fi tmien Stat Membri wera ***li l-iffaċilitar tar-rikonoxximent reċiproku tal-istatus ta' diżabilità bejn l-Istati Membri pprova l-vantaġġi*** għall-persuni b' diżabilità fl-aċċess ***għall-benefiċċji u s-servizzi*** fl-oqsma tal-kultura, ***tad-divertiment, tal-isport***, u f' xi każijiet, ***tat-trasport***, u fl-appoġġ tal-moviment transfruntier tagħhom fl-UE għal perjodu qasir⁵⁰ ***u juri li l-oġġettivi tal-kard għadhom rilevanti għall-ħtiġijiet attwali tal-persuni b' diżabilità***. Barra minn hekk, dan inkluda eżempji oħra ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet li joffru kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali lil persuni b' diżabilità.

⁵⁰ Ara wkoll ir-Rapport Finali tal-Istudju li jivvaluta l-implimentazzjoni tal-azzjoni pilota dwar ***il-Kard*** tad-Diżabilità tal-UE u l-benefiċċji assoċjati, ippubblikat f' Mejju 2021, <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/4adbe538-0a02-11ec-b5d3-01aa75ed71a1/language-mt>.

Emenda 19

Proposta għal direttiva

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE¹⁵ pprevediet mudell Ewropew ta' kard għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, li ffaċilita r-rikonoxximent tal-kard għall-parkeġġ madwar l-Istati Membri. Madankollu, l-implimentazzjoni **tagħha** u l-inklużjoni ta' żidiet jew devjazzjonijiet speċifiċi nazzjonali mill-mudell irrakkomandat wasslu għal varjetà ta' kards differenti. Dan ifixkel ir-rikonoxximent transfruntier tal-kards madwar l-Istati Membri, u jxekkel l-aċċess ta' persuni b'diżabilità għall-kundizzjonijiet tal-parkeġġ approvduti u l-faċilitajiet riżervati għall-persuni b'diżabilità li huma detenturi ta' kard għall-parkeġġ fi Stati Membri oħra. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ma ġietx aġġornata biex tirrifletti l-iżviluppi teknoloġiċi u ta' diġitalizzazzjoni li qeġħdin isiru bħalissa. L-Istati Membri **jesperjenzaw** ukoll problemi ta' frodi u falsifikazzjoni tal-kards, peress li l-format normalment huwa pjuttost sempliċi u faċilment falsifikat u fil-prattika differenti f'kull Stat Membru, u dan jagħmilha diffiċli li jiġi vverifikat.

¹⁵ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ġunju 1998 dwar kard għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità (ĠU L 167, 12.6.1998, p. 25), kif adattata mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2008 minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-

Emenda

(19) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE15 pprevediet mudell Ewropew ta' kard għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, li ffaċilita r-rikonoxximent tal-kard għall-parkeġġ madwar l-Istati Membri. Madankollu, **minħabba n-natura mhux vinkolanti tagħha, l-implimentazzjoni ta' dik ir-Rakkomandazzjoni** u l-inklużjoni ta' żidiet jew devjazzjonijiet speċifiċi nazzjonali mill-mudell irrakkomandat wasslu għal varjetà ta' kards differenti **tal-parkeġġ**. Dan ifixkel ir-rikonoxximent transfruntier tal-kards madwar l-Istati Membri, u jxekkel l-aċċess ta' persuni b'diżabilità għall-kundizzjonijiet **speċifiċi** tal-parkeġġ approvduti u l-faċilitajiet riżervati għall-persuni b'diżabilità li huma detenturi ta' kard għall-parkeġġ fi Stati Membri oħra. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ma ġietx aġġornata biex tirrifletti l-iżviluppi teknoloġiċi u ta' diġitalizzazzjoni li qeġħdin isiru bħalissa. L-Istati Membri **esperjenzaw** ukoll problemi ta' frodi u falsifikazzjoni tal-kards, peress li l-format normalment huwa pjuttost sempliċi u faċilment falsifikat u fil-prattika differenti f'kull Stat Membru, u dan jagħmilha diffiċli li jiġi vverifikat.

~~15~~ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ġunju 1998 dwar kard għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità (ĠU L 167, 12.6.1998, p. 25), kif adattata mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2008 minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-

Repubblika tar-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka ĠU L 63/43, 7.3.2008.

Repubblika tar-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka ĠU L 63/43, 7.3.2008.

Emenda 20

Proposta għal direttiva Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess minn persuni b'diżabilità għal kundizzjonijiet speċjali jew għal trattament preferenzjali relatati ma' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, **inkluż** meta ma jkunux ipprovduti bi ħlas, fi Stati Membri oħra, l-ostakli u d-diffikultajiet li jifdal fl-ivvjaġġar lejn Stat Membru ieħor jew fiż-żjara tiegħu minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità tagħhom u ta' dokumenti formali li jirrikonoxxu **dan** l-istatus maħruġ fi Stati Membri oħra u d-drittijiet tal-parkeġġ jenħtieġ li jitneħħew.

Emenda 21

Proposta għal direttiva Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Għalhekk, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju minn persuni b'diżabilità, **meta jivvjaġġaw lejn jew meta jżuru Stat Membru ieħor għal perjodu qasir**, tad-drittijiet ta' aċċess għal kundizzjonijiet speċjali jew għal trattament preferenzjali offruti mill-operaturi privati jew l-awtoritajiet pubbliċi mingħajr diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità fuq l-istess bażi bħall-persuni b'diżabilità f'dak l-Istat Membru, u bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-użu tat-trasport u li jinkiseb benefiċċju mill-kundizzjonijiet tal-parkeġġ

Emenda

(20) Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess minn persuni b'diżabilità għal kundizzjonijiet speċjali jew għal trattament preferenzjali relatati ma' servizzi **inklużi servizzi**, attivitajiet u faċilitajiet **tat-trasport tal-passiġġieri, anke** meta ma jkunux ipprovduti bi ħlas, fi Stati Membri oħra, l-ostakli u d-diffikultajiet li jifdal fl-ivvjaġġar lejn Stat Membru ieħor jew fiż-żjara tiegħu minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent **reċiproku** tal-istatus ta' diżabilità tagħhom u ta' dokumenti formali li jirrikonoxxu **dak** l-istatus maħruġ fi Stati Membri oħra u d-drittijiet tal-parkeġġ jenħtieġ li jitneħħew.

Emenda

(21) Għalhekk, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju minn persuni b'diżabilità tad-drittijiet ta' aċċess għal kundizzjonijiet speċjali jew għal trattament preferenzjali offruti mill-operaturi privati jew l-awtoritajiet pubbliċi **meta jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor għal perjodu qasir, jew meta jżuruh**, mingħajr diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità fuq l-istess bażi bħall-persuni b'diżabilità f'dak l-Istat Membru, u bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-użu **tal-mezzi kollha** tat-trasport u li jinkiseb benefiċċju mill-kundizzjonijiet

u mill-faċilitajiet riżervati għall-persuni b'diżabilità fuq l-istess bażi bħal f'dak l-Istat Membru, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-qafas, ir-regoli u l-kundizzjonijiet komuni, inkluż mudell standardizzat komuni, għal Kard Ewropea tad-Diżabilità bħala prova tal-istatus rikonoxxut tad-diżabilità u għal Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, bħala prova tad-dritt rikonoxxut tagħhom għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità.

Emenda 22

Proposta għal direttiva

Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Ir-rikonoxximent reċiproku tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jenħtieġ li jiffaċilita u jiggarrantixxi lill-persuni bi status ta' diżabilità rikonoxxut fi Stat Membru, aċċess għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali offrut minn operaturi privati jew awtoritajiet pubbliċi f'varjetà ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti bi ħlas, kif ukoll aċċess għall-kundizzjonijiet tal-parkeġġ u faċilitajiet riżervati għall-persuni b'diżabilità, fuq termini u kundizzjonijiet ugwali bħal dawk previsti abbażi ta' ċertifikati nazzjonali, kards tad-diżabilità jew dokumenti formali oħra li jirrikonoxxu l-istatus ***tad-diżabilità*** u l-kards għall-parkeġġ għal persuni b'diżabilità maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż ospitanti.

tal-parkeġġ u mill-faċilitajiet riżervati għall-persuni b'diżabilità fuq l-istess bażi bħal f'dak l-Istat Membru, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-qafas, ir-regoli u l-kundizzjonijiet komuni, inkluż mudell standardizzat komuni, għal Kard Ewropea tad-Diżabilità bħala prova tal-istatus rikonoxxut tad-diżabilità u għal Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, bħala prova tad-dritt rikonoxxut tagħhom għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità.

Emenda

(22) Ir-rikonoxximent reċiproku tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jenħtieġ li jiffaċilita u jiggarrantixxi lill-persuni bi status ta' diżabilità rikonoxxut fi Stat Membru, aċċess għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali offrut minn operaturi privati jew awtoritajiet pubbliċi, ***fosthom sptarijiet, istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa u servizzi ta' emerġenza*** f'varjetà ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti bi ħlas, kif ukoll aċċess għall-kundizzjonijiet tal-parkeġġ u faċilitajiet riżervati għall-persuni b'diżabilità ***u, meta applikabbli, għall-persuni li jakkumpanjawhom jew li jassistuom inklużi l-assistenti personali***, fuq termini u kundizzjonijiet ugwali bħal dawk previsti abbażi ta' ċertifikati nazzjonali, kards tad-diżabilità jew dokumenti formali oħra li jirrikonoxxu l-istatus ***ta' diżabilità*** u l-kards għall-parkeġġ għal persuni b'diżabilità maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż ospitanti.

Emenda 23

Proposta għal direttiva

Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Minbarra l-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet ta' parkeġġ, is-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet koperti minn din id-Direttiva jikkonċernaw varjetà wiesgħa ta' attivitajiet li dejjem jinbidlu, inklużi attivitajiet li ma jkunux ipprovduti b'remunerazzjoni, mill-awtoritajiet pubbliċi jew mill-operaturi privati, jew fuq bażi obbligatorja (abbażi ta' regoli nazzjonali/lokali jew obbligi legali) iżda ta' spiss ukoll fuq bażi volontarja (b'mod partikolari minn operaturi privati) f'varjetà ta' oqsma ta' politika, bħall-kultura, id-divertiment, it-turiżmu, l-isport, it-trasport pubbliku u privat, l-edukazzjoni.

Emenda 24

Proposta għal direttiva

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Eżempji ta' kundizzjonijiet speċjali jew ta' trattament preferenzjali jinkludu aċċess mingħajr ħlas, tariffi jew **pedaġġi** mnaqqsa **tat-/pontijiet/mini**, aċċess prijoritarju, **siġġijiet** deżinjati f'parks u żoni pubbliċi oħra, siġġijiet aċċessibbli f'avvenimenti kulturali jew pubbliċi, assistenza personali, animali ta' assistenza, assistenza fil-bajjiet biex jinżlu fl-ilma, appoġġ (bħall-aċċess għall-braille, gwidi awdjo, interpretar bil-lingwa tas-sinjali), għotjiet ta' għajnuma jew assistenza, self ta' siġġu tar-roti, self ta' siġġu tar-roti li jżomm f'wiċċ l-ilma, il-ksib ta' informazzjoni turistika f'formati aċċessibbli, l-użu ta' skuter għall-mobbiltà fit-toroq jew ta' siġġu tar-roti fil-korsiji

Emenda

(23) Minbarra l-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet ta' parkeġġ, is-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet koperti minn din id-Direttiva jikkonċernaw varjetà wiesgħa ta' attivitajiet li dejjem jinbidlu, inklużi attivitajiet li ma jkunux ipprovduti b'remunerazzjoni, mill-awtoritajiet pubbliċi jew mill-operaturi privati, jew fuq bażi obbligatorja (abbażi ta' regoli nazzjonali/lokali jew obbligi legali) iżda ta' spiss ukoll fuq bażi volontarja (b'mod partikolari minn operaturi privati) f'varjetà ta' oqsma ta' politika, bħall-kultura, id-divertiment, it-turiżmu, l-isport, it-trasport pubbliku u privat, l-edukazzjoni **u l-impjieg**.

Emenda

(24) Eżempji ta' kundizzjonijiet speċjali jew ta' trattament preferenzjali jinkludu aċċess mingħajr ħlas, tariffi **mnaqqsa, miżati** jew **imposti tal-utenti** mnaqqsa **għal toroq/pontijiet/mini bin-nollijiet**, aċċess prijoritarju, **aċċess għal traffiku ristrett u żoni pedonali, sits ta' priorità fit-trasport pubbliku, sits** deżinjati **u aċċessibbli fit-trasport pubbliku**, f'parks u żoni pubbliċi oħra, siġġijiet aċċessibbli f'avvenimenti kulturali jew pubbliċi, assistenza personali, animali ta' assistenza **bħall-klieb gwida jew il-klieb ta' assistenza għal persuni b'diżabilità, fosthom persuni b'vista batuta**, assistenza fil-bajjiet biex jinżlu fl-ilma, appoġġ (bħall-aċċess għall-braille, gwidi awdjo, interpretar bil-lingwa tas-

għaċ-ċiklisti mingħajr ma jingħataw multa, eċċ. Il-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ jinkludu parkeġġ estiż jew parkeġġ riżervat. Fir-rigward tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri, minbarra l-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali offrut lill-persuni b'diżabilità, f'konformità mal-leġiżlazzjoni jew il-prattiki nazzjonali, l-annimali ***tal-għajnuna***, l-assistenti personali jew persuni oħra li jakkumpanjaw jew li jgħinu lill-persuni b'diżabilità (jew b'mobbiltà mnaqqsa) jistgħu jivvjaġġaw mingħajr ħlas jew ipoġġu, fejn ikun prattiku, ħdejn il-persuna b'diżabilità.

sinjali), għotjiet ta' għajnuna jew assistenza, self ta' siġġu tar-roti, self ta' siġġu tar-roti li jżomm f'wiċċ l-ilma, il-ksib ta' informazzjoni turistika f'formati aċċessibbli, l-użu ta' skuter għall-mobbiltà fit-toroq jew ta' siġġu tar-roti fil-korsiji għaċ-ċiklisti mingħajr ma jingħataw multa, eċċ. Il-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ jinkludu parkeġġ estiż jew parkeġġ riżervat. Fir-rigward tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri, minbarra l-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali offrut lill-persuni b'diżabilità, f'konformità mal-leġiżlazzjoni jew il-prattiki nazzjonali, l-annimali ***ta' assistenza bħall-klieb gwida jew il-klieb ta' assistenza għal persuni b'diżabilità, fosthom persuni b'vista batuta***, l-assistenti personali jew persuni oħra li jakkumpanjaw jew li jgħinu lill-persuni b'diżabilità (jew b'mobbiltà mnaqqsa) jistgħu jivvjaġġaw mingħajr ħlas jew ipoġġu, fejn ikun prattiku, ħdejn il-persuna b'diżabilità. ***Il-persuni li jakkumpanjaw jew li jassistu persuni b'diżabilità huma nnominati mill-persuni b'diżabilità nnifishom jew mit-tuturi legali tagħhom u jistgħu jinbidlu fuq bażi ad hoc skont ir-rekwiżiti tal-persuni b'diżabilità.***

Emenda 25

Proposta għal direttiva Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24a) L-assistenti personali, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, jakkumpanjaw jew jassistu lill-persuni b'diżabilità jew iwettqu attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum jekk ikun hemm bżonn fil-qafas ta' relazzjoni kuntrattwali, f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali, bl-objettiv li jinkoraġġixxu l-awtonomija personali, jiffaċilitaw il-ħajja tal-komunità u jippromwovu ħajja indipendenti.

Emenda 26

Proposta għal direttiva Premessa 24b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24b) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-operaturi tas-servizzi tat-trasport transfruntier tal-passiġġieri jipprovdu informazzjoni ċara lill-vjaġġaturi li jkollhom Kard Ewropea tad-Diżabilità meta jixtru biljett tal-ivvjaġġar fir-rigward tal-kundizzjonijiet speċjali jew tat-trattament preferenzjali li japplikaw għall-partijiet differenti tal-operazzjonijiet matul il-vjaġġ, sabiex jiġi evitat li l-vjaġġaturi li jkollhom il-Kard Ewropea tad-Diżabilità jsibu ruħhom mingħajr dokument tal-ivvjaġġar validu meta jidħlu fi Stat Membru ieħor fuq l-istess servizz tat-trasport.

Emenda 27

Proposta għal direttiva Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25) Il-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità fi Stat Membru għandu jiġi ddeterminat minn din id-Direttiva flimkien mal-proċeduri u l-kompetenzi applikabbli ta' dak l-Istat Membru għall-valutazzjoni u r-rikonossiment tal-istatus **tad-diżabilità** u d-drittijiet tal-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

(25) Il-ħruġ, **it-tiġdid u l-irtirar** tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità fi Stat Membru għandu jiġi ddeterminat minn din id-Direttiva flimkien **mar-regoli**, mal-proċeduri u l-kompetenzi applikabbli ta' dak l-Istat Membru għall-valutazzjoni u r-rikonossiment tal-istatus **ta' diżabilità** u d-drittijiet tal-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità. **Il-ħruġ u t-tiġdid tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jenħtieġ li dejjem ikunu mingħajr ħlas.**

Emenda 28

**Proposta għal direttiva
Premessa 25a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25a) L-esperjenza turi li meta tiġi ppreżentata Kard Ewropea tad-Diżabilità jew rikonoxximent nazzjonali simili tad-diżabilità, minħabba nuqqas ta' sensibilizzazzjoni, nuqqas ta' ftehim jew ostakli għall-komunikazzjoni, il-persuni b'diżabilità, b'mod partikolari dawk b'diżabilità inviżibbli, mhux dejjem jirċievu l-aktar appoġġ u akkomodazzjoni xierqa għad-diżabilità tagħhom, inkluż meta jivvjaġġaw bit-trasport pubbliku jew meta jindirizzaw awtoritajiet nazzjonali, kif ukoll matul emerġenzi. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu l-għażla lill-persuni b'diżabilità, meta japplikaw għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità mal-awtoritajiet rilevanti, li jagħżlu li juru simboli rilevanti fuq dik il-kard sabiex jindikaw ir-rekwiżiti ta' assistenza tagħhom. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida għal pittogrammi rikonoxxuti b'mod komuni li juru t-tipi differenti ta' assistenza meħtieġa mill-persuni b'diżabilità.

Emenda 29

**Proposta għal direttiva
Premessa 26**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26) Minbarra l-format fiżiku, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu kard diġitali meta l-format u l-ispeċifikazzjonijiet ikunu ġew stabbiliti permezz ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni, fuq proposta mill-Kummissjoni. Tali proposta jenħtieġ li tibni fuq l-esperjenza tal-ħidma fil-passat u li għaddejja fil-livell Ewropew dwar id-diġitalizzazzjoni taċ-ċertifikati u tad-dokumenti, bħaċ-Ċertifikat COVID

(26) Minbarra l-format fiżiku, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu kard diġitali meta l-format u l-ispeċifikazzjonijiet ikunu ġew stabbiliti permezz ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni, fuq proposta mill-Kummissjoni. Tali proposta jenħtieġ li tibni fuq l-esperjenza tal-ħidma fil-passat u li għaddejja fil-livell Ewropew dwar id-diġitalizzazzjoni taċ-ċertifikati u tad-dokumenti, bħaċ-Ċertifikat COVID

Diġitali tal-UE stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/953 u tippermetti l-użu tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità permezz tal-Wallets tal-Identità Diġitali tal-UE⁵². Il-persuni b'diżabilità jenħtieġ li ***jingħataw l-għażla*** li jużaw jew ***dik*** diġitali jew ***dik fiżika***, jew it-tnejn li huma.

⁵² COM(2021)281 finali

Emenda 30

Proposta għal direttiva Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Sabiex jiġi garantit li l-ħaddiema b'diżabilità jkunu jistgħu jeżerċitaw b'mod effettiv id-drittijiet tagħhom għal moviment liberu bis-sħiġ u jgawdu wkoll servizzi, attivitajiet u faċilitajiet offruti mill-Istati Membri, inkluż meta ma jkunux ipprovduti bi ħlas, il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***jenħtieġ li jkunu disponibbli wkoll għall-ħaddiema*** li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stat Membru ieħor għal skopijiet relatati max-xogħol.

Emenda 31

Diġitali tal-UE stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/953 u tippermetti l-użu tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità permezz tal-Wallets tal-Identità Diġitali tal-UE⁵². Il-persuni b'diżabilità jenħtieġ li ***jkunu infurmati kif xieraq dwar il-possibbiltajiet u jkunu ħielsa li jiddeċiedu*** li jużaw jew ***il-kards*** diġitali jew ***dawk fiżiċi***, jew it-tnejn li huma, ***fuq bażi ugwali u mingħajr diskriminazzjoni***.

⁵² COM(2021)281 finali

Emenda

(29) Sabiex jiġi garantit li l-ħaddiema ***u l-parteċipanti tal-programmi ta' mobbiltà tal-UE*** b'diżabilità jkunu jistgħu jeżerċitaw b'mod effettiv id-drittijiet tagħhom għal moviment liberu bis-sħiġ u jgawdu wkoll servizzi, ***infrastruttura tat-trasport***, attivitajiet u faċilitajiet offruti mill-Istati Membri ***lid-detenturi ta' ċertifikati nazzjonali, kards tad-diżabilità jew dokumenti formali oħra li jirrikonoxxu l-istatus ta' diżabilità***, inkluż meta ma jkunux ipprovduti bi ħlas, il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***japplikaw ukoll għall-ħaddiema, fosthom il-ħaddiema mobbli, fuq il-fruntiera u fruntaliera b'diżabilità jew parteċipanti tal-programmi ta' mobbiltà tal-UE b'diżabilità*** li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stat Membru ieħor għal skopijiet ***edukattivi jew*** relatati max-xogħol.

Proposta għal direttiva
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Il-qafas previst għar-rikonoxximent reċiproku tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ma jaffettwax il-kompetenzi ta' Stat Membru li jivvaluta u li jirrikonoxxi l-istatus ***tad-diżabilità*** u jagħti kundizzjonijiet speċjali, bħal aċċess mingħajr ħlas, tariffi mnaqqsa jew trattament preferenzjali lil persuni b'diżabilità u/jew persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inklużi assistent(i) personali. Dan ma jkoprix il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, il-protezzjoni soċjali jew l-assistenza soċjali koperti mill-Artikolu 24(2) tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁶.

⁵⁶ Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom li jmorru minn post għal ieħor u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru

Emenda

(30) Il-qafas previst għar-rikonoxximent reċiproku tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ma jaffettwax il-kompetenzi ta' Stat Membru li jivvaluta u li jirrikonoxxi l-istatus ***ta' diżabilità*** u jagħti kundizzjonijiet speċjali, bħal aċċess mingħajr ħlas, tariffi mnaqqsa jew trattament preferenzjali lil persuni b'diżabilità u/jew persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inklużi assistent(i) personali. Dan ma jkoprix il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, il-protezzjoni soċjali jew l-assistenza soċjali koperti mill-Artikolu 24(2) tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁶. ***Il-benefiċċji fil-qasam tas-sigurtà soċjali, tal-protezzjoni soċjali jew tal-impjeg u l-assistenza soċjali jenħtieġ li jkunu koperti f'ċerti każijiet, jew meta wieħed jiċċaqlaq lejn Stat Membru ieħor għal xogħol jew studju, sakemm l-istatus ta' diżabilità jkun reġa' ġie vvalutat u rikonoxxut formalment, jew waqt li jkun qed jipparteċipa fi programmi ta' mobbiltà tal-UE biex jippermetti r-rikonoxximent temporanju kontinwu tal-istatus ta' diżabilità waqt li l-persuni b'diżabilità jkunu għaddejjin mill-proċess ta' rivalutazzjoni biex ikollhom l-istatus ta' diżabilità tagħhom rikonoxxut minn Stat Membru ieħor. L-Istat Membru li jkun ħareġ il-Kard Ewropea tad-Diżabilità jenħtieġ li jkun responsabbli biex jipprovdi l-benefiċċji jew l-assistenza f'dawk il-każijiet.***

⁵⁶ Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom li jmorru minn post għal ieħor u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru

1612/68 u li tħassar id-Direttivi
64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE,
73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE,
90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE,
ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.

1612/68 u li tħassar id-Direttivi
64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE,
73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE,
90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE,
ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.

Emenda 32

Proposta għal direttiva Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30a) Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità tista' tkun meħtieġa bħala prova tal-istatus ta' diżabilità sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għal aċċess ugwali għal kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali fir-rigward ta' servizzi, attivitajiet jew faċilitajiet, inkluż meta mogħtija mingħajr ħlas, offruti lil jew riżervati għal persuni b'diżabilità jew persuni li jakkumpanjawhom jew li jassistuom, fosthom l-assistenti personali tagħhom previsti minn din id-Direttiva. Madankollu, jenħtieġ li Kard Ewropea tad-Diżabilità ma tkunx meħtieġa bħala prova tal-istatus ta' diżabilità mill-persuni b'diżabilità jew mill-persuni li jakkumpanjawhom jew li jassistuom, inklużi l-assistenti personali jew l-annimali ta' assistenza tagħhom, sabiex jaċċessaw jew jeżerċitaw kwalunkwe dritt previst f'liġi oħra tal-Unjoni jew nazzjonali, inklużi dawk li jagħtu benefiċċji speċifiċi, kundizzjonijiet speċjali, jew trattament preferenzjali.

Emenda 33

Proposta għal direttiva Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(31) Sabiex titqajjem kuxjenza u jiġi ffaċilitat l-aċċess għal kundizzjonijiet

(31) Sabiex titqajjem kuxjenza u jiġi ffaċilitat l-aċċess għal kundizzjonijiet

speċjali jew għal trattament preferenzjali, waqt l-ivvjaġġar lejn Stat Membru ieħor jew waqt żjara fih, l-informazzjoni rilevanti kollha fir-rigward tal-kundizzjonijiet, ir-regoli, il-prattiki, u l-proċeduri applikabbli biex tinkiseb il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u/jew il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u l-użu sussegwenti tagħha jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-pubbliku f'dokument ċar, komprensiv, faċli għall-utent u b'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità li jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882. L-operaturi privati jew l-awtoritajiet pubbliċi li jagħtu kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali lil persuni b'diżabilità jenħtieġ li jagħmlu tali informazzjoni disponibbli għall-pubbliku b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u b'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità li jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.

speċjali jew għal trattament preferenzjali ***għal persuni b'diżabilità***, waqt l-ivvjaġġar lejn Stat Membru ieħor jew waqt żjara fih, l-informazzjoni rilevanti kollha fir-rigward tal-kundizzjonijiet, ir-regoli, il-prattiki, u l-proċeduri applikabbli biex tinkiseb il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u/jew il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u l-użu sussegwenti tagħha jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-pubbliku ***mill-Istati Membri*** f'dokument ċar, komprensiv, faċli għall-utent u b'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità li jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882. L-operaturi privati jew l-awtoritajiet pubbliċi li jagħtu kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali lil persuni b'diżabilità jenħtieġ li jagħmlu tali informazzjoni disponibbli għall-pubbliku b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u b'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, ***inkluż f'formati diġitali, lingwi tas-sinjali nazzjonali u internazzjonali u f'format li jkun faċli biex jinqara, u fuq talba, f'formati ta' assistenza mitluba minn persuni b'diżabilità*** li jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882. ***Barra minn hekk, biex jiġi żgurat li l-informazzjoni rilevanti tkun faċli biex tiġi aċċessata u użata mill-persuni b'diżabilità, jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru Punt ta' Kuntatt Nazzjonali bħala "punt uniku ta' servizz" li jipprovdi informazzjoni u gwida dwar il-kundizzjonijiet u s-servizzi, il-faċilitajiet u l-attivitajiet inklużi fil-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità fit-territorju tagħhom.***

Emenda 34

**Proposta għal direttiva
Premessa 31a (ġdida)**

(31a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi sit web uniku ddedikat għall-Unjoni, disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u b'formati aċċessibbli, li jiġbor informazzjoni nazzjonali dwar il-kisba, il-ħruġ, l-użu, it-tiġdid u l-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità u Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità. Sabiex isaħħaħ l-utilità u l-impatt tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, dak is-sit web tal-Unjoni jenħtieġ li jkun fih informazzjoni, ibbażata fuq informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, sabiex tinforma lill-persuni b'diżabilità bil-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet differenti tal-parkeġġ offruti għall-persuni b'diżabilità f'kull Stat Membru u r-reġjuni, il-bliet u l-muniċipalitajiet tiegħu. Is-sit web tal-Unjoni jenħtieġ li jkun fih ukoll portal diġitali aċċessibbli li permezz tiegħu jkunu jistgħu jiġu aċċessati s-siti web nazzjonali tal-Istati Membri li jinkludu informazzjoni dwar kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali offruti mill-awtoritajiet pubbliċi tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jaġġornaw dik l-informazzjoni regolarment, inkluż meta jseħħu bidliet f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiffaċilitaw l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali offrut minn operaturi privati fuq is-siti web tagħhom, meta disponibbli.

Emenda 35

**Proposta għal direttiva
Premessa 31b (ġdida)**

(31b) Sabiex jiżdied l-għadd ta' fornituri

ta' servizzi li joffru kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità, l-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw u jħeġġu lill-operaturi privati u lill-awtoritajiet pubbliċi permezz ta' miżuri rilevanti, inkluż permezz tal-għoti ta' informazzjoni u skambji tal-aħjar Prattika dwar it-tipi differenti ta' kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali li jistgħu jiġu offruti kif ukoll l-għoti ta' taħriġ dwar l-integrazzjoni tad-diżabilità u l-għarfien dwar id-diżabilità biex jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali jiġu offruti b'mod inklużiv u aċċessibbli. Pereżempju taħriġ bħal dan jista' jindirizza r-rikonoxximent ta' simboli rilevanti fejn dawn ikunu jidhru fuq il-Kard Ewropea tad-Diżabilità li juru n-natura tal-akkomodazzjoni raġonevoli li jirrikjedu l-persuni b'diżabilità, il-kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà li jiffaċċjaw u l-assistenza rilevanti li jirrikjedu l-persuni b'diżabilità, inkluż b'diżabilità inviżibbli, ir-reqwiżiti ta' persuni b'diżabilitajiet differenti li jikkonċernaw il-komunikazzjoni, il-ġestjoni rispettuża u sikura tat-tagħmir, l-użu ta' komunikazzjoni awmentattiva assistiva (AAC) u kif tiġi pprovduta u ppubblikata kwalunkwe offerta ta' kundizzjonijiet speċjali jew trattamenti preferenzjali b'mod viżibbli u aċċessibbli. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li dawn il-miżuri kollha jitwettqu fi sħubija mal-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom biex jiżguraw li jkunu inklużivi u effettivi.

Emenda 36

Proposta għal direttiva Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jevitaw

Emenda

(32) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jevitaw

kwalunkwe riskju ta' falsifikazzjoni jew frodi meta joħorġu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u jenħtieġ li jiġġieldu b'mod attiv l-użu frawdolenti u l-falsifikazzjoni ta' dawn il-kards.

kwalunkwe riskju ta' falsifikazzjoni jew frodi, **kemm jekk individwali jew sistemika**, meta joħorġu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u jenħtieġ li jiġġieldu b'mod attiv **il-ħruġ u** l-użu frawdolenti u l-falsifikazzjoni ta' dawn il-kards **u jiskambjaw informazzjoni dwar każijiet bħal dawn biex jiżguraw fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri peress li r-rikonoxximent reċiproku tal-istatus ta' diżabilità huwa l-pedament tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li kwalunkwe miżura meħuda biex tiġi miġġielda l-falsifikazzjoni jew il-frodi tqis id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u jenħtieġ li ma tirriżulta fl-ebda interferenza fl-interessi leġittimi tagħhom fl-użu ta' waħda mill-kards jew twassal b'xi mod għall-istigmatizzazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jivvalutaw l-impatt ta' kwalunkwe miżura fuq il-persuni b'diżabilità u jikkonsultaw lilhom u lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-miżuri.**

Emenda 37

Proposta għal direttiva Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE biex tissupplimenta **d-Direttiva biex** tistabbilixxi l-format diġitali tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, u biex jiġu emendati l-Annessi I u **l-Anness** II sabiex jiġu mmodifikati l-karatteristiċi komuni tal-format standardizzat, jiġi adattat il-format għall-iżviluppi tekniċi, jiġu evitati l-falsifikazzjoni u l-frodi u tiġi

Emenda

(33) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE biex tissupplimenta **din id-Direttiva billi** tistabbilixxi l-format diġitali tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, u biex jiġu emendati l-Annessi I u II sabiex jiġu mmodifikati l-karatteristiċi komuni tal-format standardizzat **u r-rekwiżiti ta' aċċessibilità universali**, jiġi adattat il-format għall-iżviluppi tekniċi, jiġu evitati l-

żgurata l-interoperabbiltà.

falsifikazzjoni u l-frodi u tiġi żgurata l-interoperabbiltà.

Emenda 38

Proposta għal direttiva

Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni

(35) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkun hemm mezzi adegwati u effettivi biex jiżguraw il-konformità ma' din id-Direttiva u għalhekk jenħtieġ li jistabbilixxu rimedji xierqa, inklużi kontrolli dwar il-konformità u l-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji, biex jiggwarantixxu li l-persuni b'diżabilità, il-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inklużi l-assistent(i) personali, kif ukoll il-korpi pubbliċi jew l-assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali privati oħra li għandhom interess leġittimu jkunu jistgħu jieħdu azzjoni f'isem persuna b'diżabilità skont id-dritt nazzjonali.

Emenda

(35) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkun hemm mezzi adegwati u effettivi biex jiżguraw il-konformità ma' din id-Direttiva u għalhekk jenħtieġ li jistabbilixxu rimedji xierqa, inklużi kontrolli dwar il-konformità u l-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji, biex jiggwarantixxu li l-persuni b'diżabilità, il-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inklużi l-assistent(i) personali, kif ukoll il-korpi pubbliċi ***bħal korpi tal-ugwaljanza*** jew l-assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet ***b'mod partikolari organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabilità***, jew entitajiet legali privati oħra li għandhom interess leġittimu jkunu jistgħu jieħdu azzjoni f'isem persuna b'diżabilità skont id-dritt nazzjonali. ***Il-persuni b'diżabilità jenħtieġ li jkollhom ukoll dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat, f'każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom li jirriżulta minn din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li dawn id-dispożizzjonijiet jikkonformaw mal-prinċipju ta' akkomodazzjoni raġonevoli għall-persuni b'diżabilità fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tagħhom f'konformità mal-UNCPRD.***

Emenda 39

Proposta għal direttiva

Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

(37) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali, u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta. B'mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità biex jibbenefikaw minn miżuri mfassla biex jiżguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u professjonali u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità u li tippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikolu 26 tal-Karta.

Emenda 40

Proposta għal direttiva

Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni

(38) Peress li l-oġettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jittejjbu l-possibbiltajiet għall-persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stati Membri oħra, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni li tistabbilixxi qafas b'regoli u kundizzjonijiet komuni, tista' tinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tilħaq dak l-oġettiv.

Emenda

(37) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta ***u mill-UNCPRD***. B'mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità biex jibbenefikaw minn miżuri mfassla biex jiżguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali, ***ekonomika*** u professjonali u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità u li tippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikolu 26 tal-Karta.

Emenda

(38) Peress li l-oġettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri ***li jissaħħaħ l-eżerċizzju tad-drittijiet għal-libertà tal-moviment ta' persuni b'diżabilità, u*** li jittejjbu l-possibbiltajiet għall-persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stati Membri oħra, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni li tistabbilixxi qafas b'regoli u kundizzjonijiet komuni, tista' tinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tilħaq dak l-oġettiv.

Emenda 41

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ir-regoli li jirregolaw il-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ*** għall-persuni b' diżabilità bħala prova, ***rispettivement***, ta' ***status ta' diżabilità jew ta' dritt għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati*** għall-persuni b' diżabilità, ***bil-ħsieb*** li jiġu ffaċilitati s-soġġorni qosra ta' persuni b' diżabilità fi Stat Membru għajr dak li tiegħu huma residenti, billi jingħataw aċċess għal kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali fir-rigward ta' servizzi, attivitajiet jew faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti bi ħlas, ***jew il-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ offruti lil persuni b' diżabilità jew lil persuna/i*** li jakkumpanjawhom jew li jassistuom inklużi ***l-assistent(i)*** personali tagħhom, jew riżervati għalihom;

Emenda 42

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) ir-regoli li jirregolaw il-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità għall-persuni b' diżabilità bħala prova ***tal-istatus ta' diżabilità tagħhom, bil-ħsieb li jiġu promossi d-drittijiet ugwali u l-libertà tal-moviment*** għall-persuni b' diżabilità ***u*** li jiġu ffaċilitati s-soġġorni qosra ta' persuni b' diżabilità fi Stat Membru għajr dak li tiegħu huma residenti, billi jingħataw aċċess għal kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali fir-rigward ta' servizzi, attivitajiet jew faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti bi ħlas, ***offruti lil persuni b' diżabilità li jgħixu f'dak l-Istat Membru u, fejn applikabbli, il-persuni*** li jakkumpanjawhom jew li jassistuom inklużi ***l-assistenti*** personali tagħhom, jew riżervati għalihom;

(aa) ***ir-regoli li jirregolaw il-ħruġ tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b' diżabilità bħala prova ta' dritt għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għall-persuni b' diżabilità, bil-ħsieb li jiġu promossi d-drittijiet ugwali u l-libertà tal-moviment għall-persuni b' diżabilità u li jiġu ffaċilitati s-soġġorni qosra ta' persuni b' diżabilità fi Stat Membru għajr dak li tiegħu jkunu residenti, billi jingħataw aċċess għal kwalunkwe kundizzjoni u faċilità tal-parkeġġ offruti lill-persuni***

b' diżabilità u, fejn applikabbli, lill-persuni li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom, fosthom l-assistenti personali tagħhom, jew riżervati għalihom;

Emenda 43

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. B' deroga mill-paragrafu 2, din id-Direttiva għandha tapplika għall-benefiċċji u l-assistenza soċjali msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (b) u (c), meta:

(a) id-detenturi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità jiċċaqilqu lejn Stat Membru ieħor biex jaħdmu jew jinkitbu f'istituzzjoni edukattiva sakemm l-istatus ta' diżabilità tagħhom jerġa' jiġi vvalutat u jiġi rikonoxxut formalment mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor; u

(b) detentur ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità jipparteċipa fi programm ta' mobbiltà tal-UE, għad-durata ta' dak il-programm.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità, waqt li jkunu fis-sitwazzjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu, jingħataw aċċess għall-benefiċċji u l-assistenza soċjali msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (b) u (c), mill-Istat Membru li jkun ħareġ il-Karta tad-Diżabilità Ewropea.

Emenda 44

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Din id-Direttiva ma taffettwax il-

4. Din id-Direttiva ma taffettwax il-

kompetenzi nazzjonali li jingħataw jew **li jkunu meħtieġa** li jingħataw benefiċċji speċjali jew kundizzjonijiet preferenzjali speċifiċi, bħal aċċess mingħajr ħlas, tariffi mnaqqsa, jew trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità u, fejn previst, għall-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inklużi l-assistent(i) personali tagħhom.

kompetenzi nazzjonali li jingħataw, jew **tirrikjedi** li jingħataw, benefiċċji speċjali jew kundizzjonijiet preferenzjali speċifiċi, bħal aċċess mingħajr ħlas, tariffi mnaqqsa, jew trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità u, fejn previst, għall-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali tagħhom, **kif ukoll animali ta' assistenza bħall-klieb gwida u l-klieb ta' assistenza.**

Emenda 45

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet li l-persuni b'diżabilità jew il-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, **inklużi** l-assistent(i) personali tagħhom, jistgħu jirriżultaw minn dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni jew tal-liġi nazzjonali li timplimenta **l-liġi** tal-Unjoni, inklużi dawk li jagħtu benefiċċji speċifiċi, kundizzjonijiet speċjali, jew trattament preferenzjali.

Emenda

5. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet li l-persuni b'diżabilità jew il-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, **inkluż** l-assistent(i) personali tagħhom, **jew animali ta' assistenza bħall-klieb gwida u l-klieb ta' assistenza**, jistgħu jirriżultaw minn dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni jew tal-liġi nazzjonali li timplimenta **d-dritt** tal-Unjoni, inklużi dawk li jagħtu benefiċċji speċifiċi, kundizzjonijiet speċjali, jew trattament preferenzjali. **Kard Ewropea tad-Diżabilità ma għandhiex tkun meħtieġa bħala prova ta' diżabilità biex wieħed jaċċessa jew jeżerċita kwalunkwe wieħed mid-drittijiet imsemmija f'dan il-paragrafu.**

Emenda 46

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) “assistent personali” huwa persuna li takkumpanja jew li tgħin lil persuni b'diżabilità li hija rikonoxxuta f'konformità mal-leġiżlazzjoni jew prattiki

Emenda

(d) “assistent personali” huwa persuna, **tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħha**, li takkumpanja jew li tgħin lil persuni b'diżabilità li hija rikonoxxuta

nazzjonali bħala tali;

f'konformità mal-leġiżlazzjoni jew prattiki nazzjonali bħala tali;

Emenda 47

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) “kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali” tfisser **kundizzjonijiet speċifiċi**, inklużi dawk relatati mal-kundizzjonijiet finanzjarji, jew trattament differenzjat relatat mal-assistenza u l-appoġġ bħall-aċċess mingħajr ħlas, it-tariffi mnaqqsa, u **l-aċċess prijoritarju**, offruti lill-persuni b'diżabilità u/jew, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali jew l-annimali **tal-għajnuna** rikonoxxuti f'konformità mal-leġiżlazzjoni jew il-prattiki nazzjonali bħala tali, irrispettivament minn jekk ikunux ipprovduti fuq bażi volontarja jew imposti minn obbligi legali;

Emenda

(e) “kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali” tfisser **kwalunkwe kundizzjoni speċifika**, inklużi dawk relatati mal-kundizzjonijiet finanzjarji, jew **kwalunkwe** trattament differenzjat relatat mal-assistenza u l-appoġġ bħall-aċċess mingħajr ħlas, it-tariffi mnaqqsa, **l-aċċess prijoritarju, l-aċċess għal żoni tat-traffiku ristretti u żoni pedonali, sits ta' prijorità fit-trasport pubbliku**, offruti lill-persuni b'diżabilità u/jew, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali, **l-interpreti tal-lingwa tas-sinjali**, jew l-annimali **ta' assistenza, bħall-klieb gwida jew il-klieb ta' assistenza**, rikonoxxuti f'konformità mal-leġiżlazzjoni jew il-prattiki nazzjonali bħala tali, irrispettivament minn jekk ikunux ipprovduti fuq bażi volontarja jew imposti minn obbligi legali;

Emenda 48

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) “kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ” tfisser kwalunkwe spazju ta' parkeġġ riżervat għall-persuni b'diżabilità b'mod ġenerali kif ukoll **benefiċċji assoċjati** ta' parkeġġ għal, jew kundizzjonijiet preferenzjali mogħtija **lil, persuni b'diżabilità**, bħal parkeġġ bla ħlas,

Emenda

(f) “kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ” tfisser kwalunkwe spazju ta' parkeġġ riżervat għall-persuni b'diżabilità **jew, meta applikabbli, għall-persuna li takkumpanjahom jew tassistihom, inklużi l-assistenti personali, jew esklużivament jew** b'mod ġenerali, kif ukoll **kwalunkwe**

tariffi mnaqqsa, miżati jew imposti tal-utenti mnaqqsa għal toroq/pontijiet/mini bin-nollijiet jew spazji ta' parkeġġ estiżi irrispettivament minn jekk ikunux ipprovduti fuq bażi volontarja jew imposti minn obbligi legali.

benefiċċju assoċjat ta' parkeġġ għal **persuni b'diżabilità**, jew kundizzjonijiet preferenzjali mogħtija **lilhom**, bħal parkeġġ bla hłas, tariffi mnaqqsa, miżati jew imposti tal-utenti mnaqqsa għal toroq/pontijiet/mini bin-nollijiet jew spazji ta' parkeġġ estiżi irrispettivament minn jekk ikunux ipprovduti fuq bażi volontarja jew imposti minn obbligi legali.

Emenda 49

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) “akkomodazzjoni raġonevoli” tfisser **modifika neċessarja u adegwata u aġġustamenti li ma jimponux piż sproporzjonat jew eċċessiv, meta tkun meħtieġa f'każ partikolari, biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jgawdu jew jeżerċitaw fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor id-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet previsti kollha f'din id-Direttiva;**

Emenda 50

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fb) “programm ta' mobbiltà tal-UE” tfisser **programm tal-Unjoni li jappoġġa persuni fiżiċi li jiċċaqilqu lejn Stat Membru ieħor għal skop edukattiv, ta' taħriġ, professjonali, ċiviku jew kulturali jew taħlita tagħhom għal perjodu fiss.**

Emenda 51

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ikun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom permezz ta' ċertifikat, kard jew kwalunkwe dokument formali ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuom inklużi l-assistent(i) personali(i),

Emenda 52

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) meta l-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinkludu kundizzjonijiet favorevoli għall-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inklużi assistent(i) personali jew kundizzjonijiet speċifiċi għall-annimali ***tal-għajnuna***, dawn il-kundizzjonijiet favorevoli jew speċifiċi jingħataw fuq termini u kundizzjonijiet ugwali lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali jew l-annimali ta' ***għajnuna*** tad-detentur ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità;

Emenda 53

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 1

Emenda

(a) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ikun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom permezz ta' ċertifikat, kard jew kwalunkwe dokument formali ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuom inklużi l-assistent(i) personali(i) ***u l-interpreti tal-lingwa tas-sinjali***;

Emenda

(a) meta l-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinkludu kundizzjonijiet favorevoli għall-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inklużi assistent(i) personali jew kundizzjonijiet speċifiċi għall-annimali ***ta' assistenza***, dawn il-kundizzjonijiet favorevoli jew speċifiċi jingħataw fuq termini u kundizzjonijiet ugwali lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali jew l-annimali ta' ***assistenza, bħall-klieb gwida u l-klieb ta' assistenza***, tad-detentur ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità;

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità skont il-format standardizzat **komuni** stabbilit fl-Anness I. L-Istati Membri għandhom jintroduċu karatteristiċi diġitali f'kards fiżiċi bl-użu ta' mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi bħala parti mill-Kard Ewropea tad-Diżabilità, hekk kif ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-karatteristiċi diġitali msemmija fl-Anness I jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8. Il-mezz ta' ħżin diġitali ma għandux ikun fih aktar data personali mid-data prevista għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità fl-Anness I.

Emenda 54

**Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kards Ewropej tad-Diżabilità maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha.

Emenda 55

**Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat

Emenda

1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità skont il-format standardizzat **u r-rekwiżiti ta' aċċessibilità universali** stabbilit fl-Anness I. L-Istati Membri għandhom jintroduċu karatteristiċi diġitali f'kards fiżiċi bl-użu ta' mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi bħala parti mill-Kard Ewropea tad-Diżabilità, hekk kif ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-karatteristiċi diġitali msemmija fl-Anness I jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8. Il-mezz ta' ħżin diġitali ma għandux ikun fih aktar data personali mid-data prevista għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità fl-Anness I.

Emenda

2. Il-Kards Ewropej tad-Diżabilità maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha **u għandhom ikunu kompatibbli ma' kwalunkwe ċertifikat, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor għal persuni b'diżabilità maħruġ fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali.**

Emenda

4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat

Membru ta' residenza direttament jew wara applikazzjoni mill-persuna b' diżabilità. Din għandha tinħareġ u tiġġedded **fl-istess perjodu** stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b' diżabilità.

Membru ta' residenza direttament **meta diġà prevista fil-proċedura nazzjonali ta' valutazzjoni u rikonoxximent tad-diżabilità**, jew wara applikazzjoni mill-persuna b' diżabilità. **Il-persuni b' diżabilità jenħtieġ li jkunu infurmati kif xieraq dwar il-possibbiltà li japplikaw għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità meta ma tinħariġx direttament.** Din għandha tinħareġ u tiġġedded **bla ħlas għall-benefiċjarju u fi żmien jew 60 jum jew fil-perjodu** stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b' diżabilità, **skont liem perjodu jkun iqsar.**

Emenda 56

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni b' diżabilità, jew ir-rappreżentanti maħtura li jaġixxu f'isimhom u bl-approvazzjoni tagħhom jew tal-gwardjan legali tagħhom, ikunu jistgħu jappellaw deċiżjoni mill-awtoritajiet kompetenti dwar il-ħruġ, it-tiġdid jew l-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali.

Emenda 57

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ bħala kard fiżika u għandha tiġi kkomplementata minn format diġitali mal-adozzjoni tal-atti delegati

5. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ bħala kard fiżika u għandha tiġi kkomplementata minn format diġitali mal-adozzjoni tal-atti delegati

msemmija fil-paragrafu 7. Il-persuni b' diżabilità għandhom jingħataw l-għażla li jużaw jew il-kard diġitali jew dik fiżika, jew it-tnejn li huma.

msemmija fil-paragrafu 7. Il-persuni b' diżabilità għandhom jingħataw l-għażla li jużaw, **fuq bażi ugwali**, jew il-kard diġitali jew dik fiżika, jew it-tnejn li huma.

Emenda 58

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-validità tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità maħruġa minn Stat Membru għandha tkun tal-anqas għall-istess durata bħal dik taċ-ċertifikat tad-diżabilità, il-kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor bl-itwal durata għar-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità tagħhom maħruġ lill-persuna kkonċernata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fit-territorju tiegħu.

Emenda

6. Il-validità tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità maħruġa minn Stat Membru għandha tkun tal-anqas għall-istess durata bħal dik taċ-ċertifikat tad-diżabilità, il-kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali **nazzjonali** ieħor bl-itwal durata għar-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità tagħhom maħruġ lill-persuna kkonċernata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fit-territorju tiegħu.

Emenda 59

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-Kummissjoni għandha **s-setgħa li** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11 **biex tissupplimenta** din id-Direttiva **sabiex** tistabbilixxi l-format diġitali tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tiżgura l-interoperabbiltà, **u li** temenda l-Anness I sabiex jiġu mmodifikati l-karatteristiċi komuni tal-format standardizzati, jiġi adattat il-format għall-iżviluppi tekniċi, jiġu introdotti karatteristiċi diġitali sabiex jiġu evitati l-falsifikazzjoni u l-frodi, jiġi indirizzat l-abbuż jew l-użu ħażin u tiġi żgurata l-interoperabbiltà.

Emenda

7. **Sa... [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]**, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11 **li jissupplimenta** din id-Direttiva **billi** tistabbilixxi l-format diġitali tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tiżgura l-interoperabbiltà.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-

Artikolu 11 temenda l-Anness I sabiex jiġu mmodifikati l-karatteristiċi komuni tal-format standardizzati ***u r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà universali***, jiġi adattat il-format għall-iżviluppi tekniċi, jiġu introdotti karatteristiċi diġitali sabiex jiġu evitati l-falsifikazzjoni u l-frodi, jiġi indirizzati l-abbuż jew l-użu ħażin u ***jiġu żgurati l-aċċessibbiltà u l-interoperabbiltà***.

Emenda 60

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b' diżabilità skont il-format standardizzati komuni ***stabbilit*** fl-Anness II. L-Istati Membri għandhom jintroduċu karatteristiċi diġitali f'kards fiżiċi bl-użu ta' mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi bħala parti mill-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b' diżabilità, hekk kif ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-karatteristiċi diġitali msemmija fl-Anness II jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8. Il-mezz ta' ħżin diġitali ma għandux ikun fih aktar data personali mid-data prevista għall-Kard Ewropea ***tad-Diżabilità*** fl-Anness II.

Emenda 61

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b' diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta'

Emenda

1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b' diżabilità skont il-format standardizzati komuni ***u r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà universali stabbiliti*** fl-Anness II. L-Istati Membri għandhom jintroduċu karatteristiċi diġitali f'kards fiżiċi bl-użu ta' mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi bħala parti mill-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b' diżabilità, hekk kif ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-karatteristiċi diġitali msemmija fl-Anness II jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8. Il-mezz ta' ħżin diġitali ma għandux ikun fih aktar data personali mid-data prevista għall-Kard Ewropea ***għall-Parkeġġ*** fl-Anness II.

Emenda

4. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b' diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta'

residenza wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ jew tiġġedded f'perjodu raġonevoli mid-data tal-applikazzjoni li ma għandux jaqbeż **is-60** jum.

residenza wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ jew tiġġedded **mingħajr ħlas għall-benefiċjarju u** f'perjodu raġonevoli mid-data tal-applikazzjoni li ma għandux jaqbeż **it-30** jum. **Il-persuni b'diżabilità għandu, madankollu, ikollhom id-dritt li jitolbu li l-verżjoni diġitali tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità tkun disponibbli fi żmien 15-il jum ta' applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità.**

Emenda 62

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni b'diżabilità, jew ir-rappreżentanti maħtura li jaġixxu f'isimhom u bl-approvazzjoni tagħhom jew tal-gwardjan legali tagħhom, ikunu jistgħu jappellaw deċiżjoni mill-awtoritajiet kompetenti dwar il-ħruġ, it-tiġdid jew l-irtirar ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali.

Emenda 63

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li **l-Kard** Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità tissostitwixxi l-kards għall-parkeġġ validi eżistenti kollha, maħruġa f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kards għall-parkeġġ għall-persuni b'dizabilità⁵⁸ fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali sa mhux aktar tard minn jj/xx/ss [id-data tal-applikazzjoni ta'

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li **kif tinħareġ, il-Kard** Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità tissostitwixxi l-kards għall-parkeġġ validi eżistenti kollha, maħruġa f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kards għall-parkeġġ għall-persuni b'dizabilità⁵⁸ fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, **u fi kwalunkwe każ** sa mhux

din id-Direttiva].

aktar tard minn jj/xx/ss [id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva].

⁵⁸ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ġunju 1998 (98/376/KE), ĠU L 167/25, 12.6.1998, kif adattata mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2008 minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tar-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka (ĠU L 63/43, 7.3.2008).

⁵⁸ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ġunju 1998 (98/376/KE), ĠU L 167/25, 12.6.1998, kif adattata mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2008 minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tar-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka (ĠU L 63/43, 7.3.2008).

Emenda 64

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b' diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded bħala kard fiżika u għandha tiġi kkomplementata minn format diġitali mal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 7. Il-persuni b' diżabilità għandhom jingħataw l-għażla li jużaw jew il-kard diġitali jew dik fiżika, jew it-tnejn li huma.

Emenda

6. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b' diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded bħala kard fiżika u għandha tiġi kkomplementata minn format diġitali mal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 7. Il-persuni b' diżabilità għandhom jingħataw l-għażla li jużaw, **fuq bażi ugwali**, jew il-kard diġitali jew dik fiżika, jew it-tnejn li huma.

Emenda 65

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. **Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11 **biex tissupplimenta** din id-Direttiva **sabiex** tistabilixxi l-format

Emenda

7. **Sa...** [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], **il-Kummissjoni għandha** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11 **li jissupplimenta** din id-

diġitali tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b' diżabbiltà u tiżgura l-interoperabbiltà, inkluż permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod diġitali, **u li** temenda l-Anness II sabiex jiġu mmodifikati l-karatteristiċi komuni tal-format standardizzat, jiġi adattat il-format għall-iżviluppi tekniċi, jiġu evitati l-falsifikazzjoni u l-frodi, jiġi indirizzat l-abbuż jew l-użu ħażin u tiġi żgurata l-interoperabbiltà, inkluż permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod diġitali.

Direttiva **billi** tistabbilixxi l-format diġitali tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b' diżabbiltà u tiżgura l-interoperabbiltà, inkluż permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod diġitali.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11, li temenda l-Anness II sabiex jiġu mmodifikati l-karatteristiċi komuni tal-format standardizzat ***u r-rekwiżiti ta' aċċessibilità universali***, jiġi adattat il-format għall-iżviluppi tekniċi, jiġu evitati l-falsifikazzjoni u l-frodi, jiġi indirizzat l-abbuż jew l-użu ħażin u tiġi żgurata l-interoperabbiltà, inkluż permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod diġitali.

Emenda 66

Proposta għal direttiva Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 7a

Dispożizzjonijiet għal detenturi ta' kards meta jibdlu r-residenza

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-detenturi ta' Kards Ewropej tad-Diżabbiltà jew ta' Kards Ewropej għall-Parkeġġ għal persuni b' diżabbiltà li jkun bidlu l-Istat Membru ta' residenza tagħhom, u li jstennew il-ħruġ ta' karta nazzjonali tad-diżabbiltà, ċertifikat jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabbiltà tagħhom mill-awtoritajiet kompetenti f'dak l-Istat Membru, ikunu garantiti d-

drittijiet previsti f' din id-Direttiva matul dak il-perjodu. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b' diżabilità maħruġa mill-Istat Membru tal-aħħar residenza għandhom ikunu validi sakemm tinħareġ il-karta nazzjonali tad-diżabilità l-ġdida, iċ-ċertifikat jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tad-detentur.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċess ta' valutazzjoni mill-ġdid u rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità, u kwalunkwe ħruġ sussegwenti tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b' diżabilità, jitwettaq f' perjodu ta' żmien raġonevoli u b' mod effiċjenti.

Emenda 67

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f' konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 12(2).

Emenda

2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati *sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]* f' konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 12(2).

Emenda 68

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Is-sorveljanza, il-konformità, *l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni*

Emenda

Is-sorveljanza **u** l-konformità

Emenda 69

Proposta għal direttiva Artikolu 9 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità u ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli, inkluż f'formati diġitali, u fuq talba f'formati ta' assistenza mitluba minn persuni b'diżabilità.

imħassar

Emenda 70

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

imħassar

Emenda 71

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jevitaw ir-riskju ta' falsifikazzjoni jew frodi u għandhom jiġġieldu b'mod attiv l-użu frawdolenti u l-falsifikazzjoni tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jevitaw ir-riskju ta' falsifikazzjoni jew frodi u għandhom jiġġieldu b'mod attiv, *jinvestigaw bir-reqqa u, fejn rilevanti, jipprevedu proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji biex jindirizzaw il-ħruġ u l-użu*

frawdolenti u l-falsifikazzjoni tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b' diżabilità.

Emenda 72

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kwalunkwe miżura meħuda biex jiġi evitat ir-riskju ta' falsifikazzjoni jew frodi għandha tirrispetta d-drittijiet tal-persuni b' diżabilità u ma għandha tirriżulta f'ebda interferenza fl-interessi leġittimi ta' persuni b' diżabilità fl-aċċess tagħhom jew fl-użu ta' waħda mill-kards jew twassal b'xi mod għall-istigmatizzazzjoni tagħhom.

Emenda 73

Proposta għal direttiva Artikolu 9 - paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità jew ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b' diżabilità jirritornaw il-kards tagħhom lill-awtorità kompetenti **ladarba** l-kundizzjonijiet li taħthom ikunu nħarġu ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità jew ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b' diżabilità jirritornaw il-kards tagħhom lill-awtorità kompetenti **f'każ li** l-kundizzjonijiet li taħthom ikunu nħarġu ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

Emenda 74

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li f'każ li

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li f'każ li

jiltaqgħu ma' każijiet ta' abbuż jew użu ħażin tal-kards maħruġa minn Stat Membru ieħor fit-territorju tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jiġu informati. L-Istat Membru tal-ħruġ għandu jiżgura segwitu xieraq f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali.

jiltaqgħu ma' każijiet ta' abbuż jew użu ħażin tal-kards maħruġa minn Stat Membru ieħor fit-territorju tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jiġu informati. L-Istat Membru tal-ħruġ għandu jiżgura segwitu xieraq f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali. ***L-Istati Membri għandhom jiskambjaw informazzjoni fir-rigward tal-abbuż jew l-użu ħażin tal-kards.***

Emenda 75

Proposta għal direttiva Artikolu 9 - paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli mingħajr ħlas b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli, inkluż permezz tas-sit web uffiċjali tal-operaturi privati jew tal-awtoritajiet pubbliċi fejn disponibbli, jew b'mezzi xierqa oħra, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.

Emenda 76

Proposta għal direttiva Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

imħassar

Emenda

Artikolu 9a

L-aċċessibilità tal-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità u ta' Kard Ewropea għall-

Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli, inkluż f'formati diġitali, f'lingwi nazżjonali u internazżjonali tas-sinjali u f'formati faċli biex jinqraw u awdjo, kif ukoll f'formati ta' assistenza alternattivi mitluba minn persuni b'diżabilità.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex joħlqu sensibilizzazzjoni fost il-pubbliku, b'mod partikolari fost l-awtoritajiet pubbliċi u l-operaturi privati li għandhom il-potenzjal li joffru kundizzjonijiet speċjali, trattament preferenzjali, u kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ għall-persuni b'diżabilità skont l-Artikolu 5 u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, fosthom organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità, u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità. Il-Kummissjoni għandha twettaq kampanja Ewropea ta' sensibilizzazzjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli mingħajr ħlas b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli, inkluż permezz tas-siti web uffiċjali tal-operaturi privati jew tal-awtoritajiet pubbliċi fejn disponibbli u Punti ta' Kuntatt Nazżjonali deżinjati, jew b'mezzi xierqa oħra, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.

4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tinftiehem faċilment, mingħajr ma taqbeż livell ta' kumplessità superjuri għal-livell B1 (intermedju) tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi tal-Kunsill tal-Ewropa.

5. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-finanzjament xieraq ikun disponibbli għall-Istati Membri biex jindirizzaw il-kostijiet relatati mal-għoti tal-informazzjoni u l-obbligi ta' sensibilizzazzjoni fl-ambitu ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 15.

Emenda 77

Proposta għal direttiva Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 10a

Organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabilità

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sinifikanti fl-iżvilupp, fl-ippjanar, fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni kemm tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità kif ukoll tal-Karta Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

Emenda 78

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ***esperti*** maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali ***tat-13 ta' April 2016*** dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ***mal-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom kif ukoll mal-esperti*** maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ***tat-13 ta' April 2016***.

Emenda 79

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna minn kumitat ***u għandha tiżgura li organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabilità jistgħu jipparteċipaw b'mod sinifikanti.*** Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Emenda 80

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Infurzar

Emenda

Infurzar ***u rimedji***

Emenda 81

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – Paragraph 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu mezzi adegwati u effettivi sabiex jiżguraw ***konformità*** ma' din id-Direttiva.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu mezzi adegwati u effettivi sabiex jiżguraw ***il-konformità*** ma' din id-Direttiva ***u l-infurzar tagħha.***

Emenda 82

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) dispożizzjonijiet li permezz tagħhom korpi pubbliċi jew assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali ***privati*** oħra li għandhom interess leġittimu

Emenda

(b) dispożizzjonijiet li permezz tagħhom korpi pubbliċi ***bħal korpi tal-ugwaljanza*** jew assoċjazzjonijiet ***privati,*** organizzazzjonijiet ***b'mod partikolari***

biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu rrispettati jistgħu jieħdu azzjoni f'konformità mad-dritt u l-proċeduri nazzjonali quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi amministrattivi kompetenti f'isem il-persuna b'diżabilità jew b'appoġġ għaliha, bl-approvazzjoni **tagħha**, fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva prevista għall-infurzar tal-obbligi skont din id-Direttiva.

Emenda 83

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabilità, jew entitajiet legali oħra li għandhom interess leġittimu biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu rrispettati jistgħu jieħdu azzjoni f'konformità mad-dritt u l-proċeduri nazzjonali quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi amministrattivi kompetenti f'isem il-persuna b'diżabilità jew b'appoġġ għaliha, bl-approvazzjoni **tagħhom**, fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva prevista għall-infurzar tal-obbligi skont din id-Direttiva.

Emenda

(ba) dispożizzjonijiet li bihom il-persuni b'diżabilità għandhom dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat, f'każijiet ta' ksur tad-drittijiet tagħhom li jirriżulta minn din id-Direttiva.

Emenda 84

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfassil u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 jikkonformaw mal-prinċipju ta' akkomodazzjoni raġonevoli għall-persuni b'diżabilità.

Emenda 85

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali li japplikaw għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw li dawn ikunu implementati.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali li japplikaw ***għall-awtoritajiet pubbliċi jew għall-operaturi privati*** għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw li dawn ikunu implementati.

Emenda 86

**Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-penali previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u jridu jkunu akkumpanjati minn azzjoni ta' rimedju effettiva.

Emenda

2. Il-penali previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u jridu jkunu akkumpanjati minn azzjoni ta' rimedju effettiva ***jew fil-forma ta' multi jew il-ħlas ta' kumpens adegwat.***

Emenda 87

**Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi sit web uniku ddedikat li jiġbor il-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali offrut mill-awtoritajiet pubbliċi tiegħu u għandu jiżgura li din l-informazzjoni tkun aġġornata. L-Istati Membri jistgħu wkoll jiffaċilitaw l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali offrut minn operaturi privati fuq is-sit web fejn disponibbli. Is-sit web għandu jkun fil-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri, il-lingwi nazzjonali u internazzjonali tas-sinjali għall-kontenut awdjo u vidjo, f'formati aċċessibbli u faċli biex jinqraw,

bl-Ingliż kif ukoll fi kwalunkwe lingwa rilevanti oħra kif determinat mill-Istat Membru.

Emenda 88

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, fejn applikabbli, li l-operaturi tas-servizzi tat-trasport transfruntier tal-passiġġieri jipprovdu informazzjoni ċara lill-passiġġieri li jkollhom Kard Ewropea tad-Diżabilità dwar il-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali applikabbli f'partijiet differenti tal-vjaġġi.

Emenda 89

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-operaturi privati jew lill-awtoritajiet pubbliċi biex jipprovdu b'mod volontarju kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità.

2. L-Istati Membri għandhom **jappoġġaw u** jħeġġu lill-operaturi privati jew lill-awtoritajiet pubbliċi biex jipprovdu b'mod volontarju kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità **f'firxa wiesgħa ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet oħra kemm jista' jkun.**

B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jappoġġaw u jħeġġu lill-operaturi privati u lill-awtoritajiet pubbliċi permezz, inter alia, tal-għoti ta' informazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar kundizzjonijiet speċjali possibbli jew trattament preferenzjali li għandu jiġi offrut u l-għoti ta' taħriġ dwar is-sensibilizzazzjoni tad-diżabilità sabiex jiġu żgurati r-rilevanza, l-effettività u l-inklużività ta' kwalunkwe kundizzjoni

speċjali jew trattament preferenzjali offrut. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-miżuri kollha jitwettqu fi sħubija ma' persuni b' diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom.

Emenda 90

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-informazzjoni msemmija **fil-paragrafu 1** ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli mingħajr ħlas b' mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli, inkluż permezz tas-sit web uffiċjali **tal-fornituri tas-servizzi**, tal-operaturi privati jew tal-awtoritajiet pubbliċi fejn disponibbli, jew b' mezzi xierqa oħra, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.

Emenda

3. L-informazzjoni msemmija **fil-paragrafi 1 u 1a** ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli mingħajr ħlas b' mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli, inkluż permezz tas-sit web uffiċjali tal-operaturi privati jew tal-awtoritajiet pubbliċi fejn disponibbli, jew b' mezzi xierqa oħra, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 **mingħajr ma jinqabeż livell ta' kumplessità superjuri għal-livell B1 (intermedju) tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi tal-Kunsill tal-Ewropa u inkluż fil-lingwi nazzjonali tas-sinjali.**

Emenda 91

Proposta għal direttiva Artikolu 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 15a

Sit web tal-Unjoni għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b' diżabilità

1. *Sa... [x xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sit web uniku ddedikat għall-Unjoni (sit web tal-*

Unjoni). Is-sit web tal-Unjoni għandu jkun fih:

(a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9a;

(b) l-informazzjoni rilevanti relatata mal-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ applikabbli kif definiti fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali f'kull Stat Membru;

(c) portal diġitali aċċessibbli li permezz tiegħu jistgħu jiġu aċċessati s-siti web nazzjonali msemmija fl-Artikolu 15(1).

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu lis-sit web tal-Unjoni u għandhom jaġġornaw dik l-informazzjoni fejn meħtieġ.

2. Is-sit web tal-Unjoni għandu jkun disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, bil-lingwa tas-sinjali internazzjonali u bil-lingwi tas-sinjali nazzjonali tal-Istati Membri kif ukoll f'formati aċċessibbli u faċli biex jinqraw, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882. L-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandha tinftiehem faċilment, mingħajr ma taqbeż livell ta' kumplessità superjuri għal-livell B1 (intermedju) tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi tal-Kunsill tal-Ewropa.

Emenda 92

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – Paragraph 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sa jj/xx/ss *[tliet snin wara d-data* tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva], u kull *ħames* snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament

Emenda

1. Sa jj/xx/ss *[sentejn mid-data* tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva], u kull *erba'* snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament

Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Emenda 93

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Ir-rapport għandu jindirizza, inter alia, fid-dawl tal-iżviluppi soċjali u **ekonomiċi**, l-użu tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b' diżabilità bil-għan li tiġi vvalutata l-ħtieġa li din id-Direttiva tiġi rieżaminata.

Emenda

2. Ir-rapport għandu jindirizza, inter alia, fid-dawl tal-iżviluppi soċjali, **ekonomiċi, teknoloġiċi u żviluppi rilevanti oħra**, l-użu tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b' diżabilità, **sa liema punt l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva laħqet l-objettivi tagħha u l-interazzjoni tagħha ma' atti legali rilevanti oħra tal-Unjoni** bil-għan li tiġi vvalutata l-ħtieġa li din id-Direttiva tiġi rieżaminata. ***Ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-użu tal-kard fir-rigward tal-portabbiltà fil-qasam tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, il-protezzjoni soċjali u l-assistenza soċjali fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2a).***

Ir-rapport għandu jinkludi wkoll analiżi tal-intersezzjonalità u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri tal-impatt ta' din id-Direttiva fuq il-moviment liberu tal-persuni b' diżabilità li għandhom identitajiet intersezzjonali, b'mod partikolari n-nisa u l-bniet. Ir-rapport għandu jevalwa wkoll l-effettività tal-miżuri ta' inċentivi pprovduti mill-Istati Membri lill-fornituri tas-servizzi skont l-Artikolu 15(2).

Emenda 94

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Ir-rapporti tal-Kummissjoni għandhom iqisu l-fehmiet tal-persuni b'diżabilità, **tal-partijiet ekonomiċi kkonċernati** u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti, **inklużi** l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lil persuni b'diżabilità.

Emenda

4. Ir-rapporti tal-Kummissjoni għandhom iqisu l-fehmiet tal-persuni b'diżabilità, tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti, **b'mod partikolari** l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lil persuni b'diżabilità **kif ukoll partijiet ekonomiċi kkonċernati**.

Emenda 95

Proposta għal direttiva Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa jj/xx/ss **18-il xahar wara d-dħul** fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa jj/xx/ss **[fi żmien 12-il xahar mid-dħul** fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Emenda 96

Proposta għal direttiva Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn jj/xx/ss [**30** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Emenda

2. Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn jj/xx/ss [**24** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Emenda 97

**Proposta għal direttiva
Anness I – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

IN-NAĦA TA' WARA Informazzjoni nazzjonali bil-lingwa nazzjonali jew bil-lingwi nazzjonali li għandha tiġi deċiża mill-Istat Membru emittenti.

Emenda

IN-NAĦA TA' WARA Informazzjoni nazzjonali bil-lingwa nazzjonali jew bil-lingwi nazzjonali li għandha tiġi deċiża mill-Istat Membru emittenti. ***L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-għażla lill-persuni b'diżabilità, meta japplikaw għall-kard lill-awtoritajiet rilevanti, li juru simboli rilevanti fuq il-kard sabiex jindikaw in-natura tal-akkomodazzjoni raġonevoli meħtieġa tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida għal pittogrammi komuni li juru tipi differenti ta' assistenza.***

Emenda 98

**Proposta għal direttiva
Anness II – punt 3 – punt b – inċiż 1**

Test propost mill-Kummissjoni

– b'ittri kbar, il-kliem “Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità” bil-lingwa/i tal-Istat Membru li jidher il-karta; wara spazju xieraq, dan għandu jidher b'tipa żgħira bil-lingwi l-oħrajn tal-Unjoni Ewropea;

Emenda

– b'ittri kbar, il-kliem “Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità” bil-lingwa/i tal-Istat Membru li jidher il-karta ***u bil-braille bl-użu tad-dimensjonijiet tal-kodiċi Marburg***; wara spazju xieraq, dan għandu jidher b'tipa żgħira bil-lingwi l-oħrajn tal-Unjoni Ewropea;